**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**31 ta' Diċembru, 2023**

# NAGĦLQU FIL-KWIET

Xħin tirċievu dan il-bullettin, inkunu qed intemmu sena oħra. U għal dan tassew għandna għax niżżu ħajr lil Alla.
Fil-parroċċa tagħna nagħlqu u niftħu s-sena l-ġdida b'mumenti ta' Adorazzjoni Ewkaristika, dik li dari kienet tissejjaħ il-Kwaranturi. Din is-sena daħħalna l-użanza li konna qtajna ftit snin ilu, dik li nħallu l-knisja miftuħa minn nofsinhar 'il quddiem. Se nerġgħu nħallu l-knisja miftuħa bit-tama li jkun hemm min jgħaddi ħin quddiem Ġesù Ewkaristija anke f'dan il-ħin ta' bejn nofsinhar u l-4:00pm.



Il-qaddis żagħżugħ Carlo Acutis kien jgħid li "l-Ewkaristija hija l-highway għall-ġenna". U Santa Tereża ta' Kalkutta qalet li, "Meta tħares lejn l-Ostja Mqaddsa, tinduna kemm qed iħobbok Ġesù bħalissa".
Inħeġġiġkom biex tieħdu sehem fil-purċissjoni bis-sagrament nhar l-ewwel tas-sena filgħaxija. Kemm tkun ħaġa sabiħa li żżejnu ftit fil-faċċati tad-djar fit-triqat mnejn jgħaddi s-Sagrament. Araw il-programm li qassamna, għal iktar dettalji dwar ħinijiet ta' adorazzjoni, quddies u purċissjoni.

*Is-Sena t-Tajba mimlija bil-barkiet ta' Alla l-Missier.*

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

**Avviżi:**

**ABBONAMENTI TA' *IL-LEĦEN:*** dawk li jridu jabbonaw fir-rivista *Il-Leħen*, jistgħu jiġu fl-Uffiċċju u jkellmu lil Antonia Vella. Jekk għandkom il-formola diġà, tistgħu ġġibuha mimlija lesta. *Il-Leħen* hija l-eqdem rivista tal-gżejjer Maltin. Ikun fiha artikli ta' tagħrif fuq il-Knisja f'Malta u mad-dinja.

**ĠABRA GĦAD-DAR TAL-PROVIDENZA:** il-ġbir fil-quddies ta' nhar it-Tnejn l-1 ta' Jannar, Solennità ta' Marija Omm Alla, se jmur għad-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu lil din l-opra qaddisa.

**L-GĦAJNUNA TAGĦKOM GĦAL PERSUNA FIL-BŻONN:** sal-ewwel ta' Jannar se nibqgħu naċċettaw id-donazzjonijiet tagħkom għal tfajla fil-bżonn. L-offerta tagħkom tistgħu ġġibuha fl-Uffiċċju jew tagħtuha lill-Arċipriet.

**REKLAMAR F'*IL-GAZZETTA TAN-NADUR* FL-2024:** il-ħarġa li jmiss ta' *Il-Gazzetta tan-Nadur* se toħroġ fl-14 ta' Jannar. Qed nagħtu ċans li l-materjal għal din il-gazzetta tibagħtuh l-istamperija sal-5 ta' Jannar.



**IS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** infakkrukom biex dawk kollha li għad għandhom il-karti bl-oġġetti xi jġibu għall-karità, jagħmlu dan f'dawn il-ġranet sabiex fil-jiem li ġejjin jitqassmu lill-entitajiet li għalihom ġbarna din is-sena. Nirringrazzjawkom ħafna tal-għajnuna li ta' kull sena tagħtu. Il-Mulej ipattilkom tat-tajjeb li tagħmlu.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am